

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1

tas-17 ta' Diċembru 2020

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tas-sussidji agrikoli

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 ⁽¹⁾ fit-30 ta' Jannar 2020 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.
- (2) L-Artikolu 166 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jagħti s-setgħa lill-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 164 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-"Kumitat Konġunt") biex jadotta deċiżjonijiet fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha li għalihom jipprova l-Ftehim dwar il-Ħruġ. Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq ("il-Protokoll") jiffirma parti integrali mill-Ftehim dwar il-Ħruġ.
- (3) L-Artikolu 10(1) tal-Protokoll jissoġġetta l-miżuri meħuda mir-Renju Unit, li jappoġġaw l-produzzjoni u l-kummerċ ta' prodotti agrikoli, inkluż l-appoġġ għall-prodotti tas-sajd u l-akwakultura fl-Irlanda ta' Fuq, għar-regoli tal-Unjoni dwar l-ghajjnuna mill-Istat elenkati fl-Anness 5 tal-Protokoll meta dawn il-miżuri jaffettwaw dan il-kummerċ ta' bejn l-Irlanda ta' Fuq u l-Unjoni. Fl-istess waqt, l-Artikolu 10(2) tal-Protokoll jipprevedi eżenzjoni mill-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni sa livell annwali globali massimu determinat ta' appoġġ, dment li l-perċentwal minimu determinat ta' appoġġ eżentat ikun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agricoltura.
- (4) Il-livell annwali globali massimu ta' appoġġ u l-perċentwal minimu jenħtieġ li jiġu ddeterminati billi jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fl-Anness 6 tal-Protokoll.
- (5) Għall-finijiet tal-kalkolu tal-livell annwali globali massimu ta' appoġġ għall-prodotti agrikoli għajr il-prodotti tas-sajd u tal-akwakultura, tqieset in-nefqa medja mġarrba u prevista fl-Irlanda ta' Fuq skont il-politika agrikola komuni (PAK) bħala parti mill-qafas finanzjarju pluriennali ("QFP 2014-2020") attwali.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1).

- (6) Għall-finijiet tal-iffissar tal-perċentwal minimu, tqieset ir-rata medja tal-appoġġ tal-Unjoni li hija konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Anness 2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Agrikoltura, skont in-notifiki ta' appoġġ kollha tal-Unjoni lid-WTO matul dawn l-aħħar ħames snin, li huwa l-perijodu li matulu ngħataw in-notifiki lid-WTO fil-kuntest tal-QFP 2014-2020.
- (7) Il-livell annwali globali massimu ta' appoġġ għaldaqstant jenħtieġ li jiġi stabbilit għal EUR 429 miljun għas-sussidji fis-settur agrikolu.
- (8) Għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, il-livell massimu ta' appoġġ, li jibbaża ruħu fuq l-infiq medju skont il-QFP 2014-2020, jenħtieġ li jiġi stabbilit għal EUR 19,5 miljun fuq perijodu ta' ħames snin, b'limitu massimu ta' EUR 4,5 miljun fi kwalunkwe sena minnhom.
- (9) Biex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn l-appoġġ eżentat jintuża biex jiġu ffinanzjati operazzjonijiet li b'xi mod ma jkunux eliġibbli għall-appoġġ fis-settur tas-sajd, id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt jenħtieġ li tirrifletti l-ineliġibbiltà ta' ċerti operazzjonijiet previsti fil-liġi tal-Unjoni.
- (10) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 164 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ fir-rigward tas-sussidji agrikoli għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
S. SCHULZE

ABBOZZ**DEĊIŻJONI Nru .../2020 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT BIL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ MILL-UNJONI EWROPEA U MILL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA****ta'**

li tiddetermina l-livell annwali globali massimu inizjali ta' appoġġ eżentat u l-perċentwal minimu inizjali msemmi fl-Artikolu 10(2) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika

IL-KUMITAT KONĠUNT

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, b'mod partikolari l-Artikolu 10(2) u l-Anness 6 tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1***Il-livell annwali globali ta' appoġġ għall-prodotti agrikoli għajr il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura**

1. Il-livell annwali globali massimu inizjali ta' appoġġ eżentat imsemmi fl-Artikolu 10(2) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq għall-prodotti agrikoli għajr il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura għandu jkun ta' GBP 382,2 miljun ⁽¹⁾.
2. Ir-Renju Unit jista' jżid il-livell annwali globali massimu ta' appoġġ eżentat imsemmi fil-paragrafu 1, sal-ammont addizzjonali ta' GBP 25,03 miljun fxi sena partikolari, bil-parti tal-ammont tal-livell annwali globali massimu ta' appoġġ eżentat li ma jkunx intefaq fis-sena kalendarja preċedenti.
3. Il-livell annwali globali massimu ta' appoġġ eżentat imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jinżdied bl-ammont ta' GBP 6,8 miljun għal sena partikolari:
 - (a) jekk matul dik is-sena l-Unjoni Ewropea tkun ħadet miżuri li jkopru lir-Repubblika tal-Irlanda, skont il-Parti II, it-Titolu I, il-Kapitolu I jew l-Artikoli 219, 220 jew 221 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ⁽²⁾; jew
 - (b) minħabba:
 - (i) mard tal-annimali,
 - (ii) sitwazzjoni jew ċirkostanza li jfixklu jew jheddu li jħarbtu s-suq b'mod sinifikanti, jekk din is-sitwazzjoni jew l-effetti ta' din is-sitwazzjoni fuq is-suq x'aktarx li jkomplu jsejtnu jew jiddeterjoraw;
 - (iii) sitwazzjoni ta' tfixkil serju fis-suq attribwita direttament għax tonqos il-fiduċja tal-konsumatur minħabba r-riskji għas-saħħa pubblika, tal-annimali jew tal-pjanti kif ukoll minħabba mard; jew
 - (iv) diżastru naturali li jaffettwa t-territorju tal-Irlanda ta' Fuq u li ma jaffettwax bl-istess mod lill-gżira kollha tal-Irlanda.

⁽¹⁾ Għall-finijiet tal-kalkoli u l-ammonti kollha, stabbiliti f'GBP f'din id-Deċiżjoni, għall-EUR għandha tintuża r-rata tal-kambju tal-Pagamenti Diretti tal-2019 (EUR 1 = £0.89092).

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347 20.12.2013, p. 671).

Il-punt (b) japplika biss meta r-Renju Unit ikun informa lill-Unjoni Ewropea mill-inqas għaxart ijiem qabel ma juża l-livell annwali globali massimu ta' appoġġ miżjud.

Artikolu 2

Il-livell annwali globali ta' appoġġ għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura

1. Il-livell globali massimu inizjali ta' appoġġ eżentat imsemmi fl-Artikolu 10(2) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura għandu jkun ta' GBP 16,93 miljun matul l-ewwel ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni kif ukoll matul kwalunkwe perijodu sussegwenti ta' ħames snin. Madankollu, il-livell annwali globali ta' appoġġ eżentat għal dawn il-prodotti ma jridx jaqbeż l-GBP 4,01 miljun fi kwalunkwe sena partikolari.
2. L-operazzjonijiet li ġejjin ma għandhomx ikunu eliġibbli għal finanzjament mill-ammonti msemmijin fil-paragrafu 1:
 - (a) l-operazzjonijiet li jżidu l-kapaċità tas-sajd ta' bastiment jew tagħmir li jżid il-kapaċità tal-bastiment biex isib il-ħut;
 - (b) il-bini ta' bastimenti tas-sajd ġodda jew l-importazzjoni ta' bastimenti tas-sajd;
 - (c) il-waqfien permanenti mill-attivitàjiet tas-sajd;
 - (d) il-waqfien temporanju mill-attivitàjiet tas-sajd, dment li ma jkunx relatat ma' xi waħda minn dawn li ġejjin:
 - (i) miżuri ta' emerġenza mnedija mill-awtoritajiet tar-Renju Unit, jew tar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, għall-perijodu massimu ta' sitt xhur, biex titnaqqas xi theddida serja għar-riżorsi bijoloġiċi marittimi jew għall-ekosistema marittima;
 - (ii) in-nuqqas ta' tiġdid ta' ftehim internazzjonali dwar is-sajd jew protokollu tiegħu.
 - (iii) pjan ta' ġestjoni tas-sajd ippubblikat skont il-leġiżlazzjoni fir-Renju Unit, jew fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, li jstabbilixxi politiki mfassla biex jiġi rkuprat stokk wieħed ta' ħut jew aktar għal livelli sostenibbli, jew biex dawn l-istokkijiet jinżammu f'livelli sostenibbli;
 - (iv) miżuri ta' emerġenza introdotti mill-awtoritajiet tar-Renju Unit, jew tar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, bħala rispons għall-emerġenza tas-saħħa pubblika jew xi emerġenza oħra, li għandha impatt serju fuq is-setturi tas-sajd jew tal-akkwakultura;
 - (e) sajd esploratorju;
 - (f) it-trasferiment tas-sjieda ta' negozju; u
 - (g) ir-ripopolazzjoni diretta, dment li ma jkunx previst permezz ta' miżuri mill-awtoritajiet tar-Renju Unit jew tar-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, li jiġu kkonsevati l-istokkijiet tal-ħut jew l-ekosistema tal-baħar, jew inkella fil-każ ta' ripopolazzjoni sperimentali.

L-eċċezzjonijiet previsti fil-punt (d) huma soġġetti għall-kundizzjoni li l-attivitàjiet tas-sajd imwettqa minn bastiment tas-sajd jew mis-sajjed ikkonċernat jiġu effettivament sospiżi u li l-finanzjament jingħata għal perijodu massimu ta' sitt xhur għal kull bastiment.

Artikolu 3

Perċentwal minimu

Il-perċentwal minimu inizjali msemmi fl-Artikolu 10(2) tal-Protokoll għandu jkun ta' 83 % u għandu japplika għall-ammonti tal-livell annwali globali ta' appoġġ eżentat imsemmi fl-Artikolu 1.

Artikolu 4

Rieżami

Il-Kumitat Konġunt għandu regolarment jirrieżamina din id-Deċiżjoni u l-implimentazzjoni tagħha.

*Artikolu 5***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021.

Magħmul fi ...,

Għall-Kumitat Konġunt
Il-Kopresidenti
